# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Numru 9**

**Rikors numru 197/10 SM**

**L-Avukat Dottor William Cuschieri**

**v.**

**Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, Direttur Ġenerali tal-Qrati, Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri, kif ukoll Angelo Micallef u martu Rita Micallef, l-Avukat Dottor Chris Cilia, l-Avukat Dottor Joe Zammit Maempel, il-Prokuratur Legali Gerald Bonello u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, dawn tal-ahhar ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-Avukat Dr. William Cuschieri, fl-1 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu nghad:

"**1. Introduzzjoni**

"1.1. Dan huwa rikors għal ritassa taħt l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

"1.2 In suċċint, il-fatti li jagħtu lok għal preżentata ta' dan ir-rikors ser jiġu spjegati hawn taħt;

"**2. Fatti**

"2.1. L-intimati Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri għamlu kawża ta' spoll lill-intimati l-oħra Angelo Micallef u martu Rita Micallef, liema kawża għandha n-numru tar-rikors maħluf 264/2006/RCP fl-ismijiet "**Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri v. Angelo Micallef u martu Rita Micallef għal kull interess li jista' jkollha**";

"2.2. Dik il-kawża ġiet deċiża minn dina l-Onorabbi Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2009 u wara appell tal-intimati Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri, dik il-kawża ġiet definittivament deċiża permezz ta' sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-8 ta' Jannar, 2010;

"2.3. F'dik il-kawża, l-intimati Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri kienu patroċinati mill-Avukat Chris Cilia sal-istadju tal-preżentata rikors tal-appell mis-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2009;

"2.4. Sussegwentament l-imsemmija Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri ma baqgħux jiġu patroċinati mill-Avukat Chris Cilia u inkarigaw lill-esponenti bħala avukat tagħhom;

"2.5. Għal dak illi jirrigwarda l-kawża hawn fuq imsemmija, ċioe` l-kawża fl-ismijiet "**Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri v. Angelo Camilleri u martu Rita Micallef għal kull interess li jista' jkollha**", rikors maħluf bin-numru 264/2006/RCP, l-esponenti assuma l-patroċinju formalment waqt l-udjenza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ta' nhar l-10 ta' Novembru, 2009 u dan kif jidher mill-verbal relattiv illi qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument 1";

"2.6. Waqt dik is-seduta, l-appell ġie trattat u l-appell ġie differit għas-sentenza għal nhar it-8 ta' Jannar, 2010 meta fil-fatt ingħatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

"**3. Taxxi ufficjali illi ġew rilaxxati**

"3.1. Wara l-għoti tal-imsemmija sentenzi ġew rilaxxati tlett (3) taxi ufficjali mill-itimati Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u Direttur Ġenerali tal-Qrati jew min minnhom;

"3.2. L-ewwel taxxa uffiċjali, u ċioe` dik intitolata "taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ta' Ċitazzjoni Nru: 265/06 RCP fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et v. Angelo Micallef et**" deċiża fil-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-8 ta' Jannar 2010 fl-atti relattivi u sussegwenti", ġiet rilaxxata nhar it-3 ta' Frar, 2010. Kopja ta' din it-taxxa uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument 2";

"3.3. It-tieni taxxa uffiċjali, u ċioe` dik intitolata "taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji maħruġa fuq talba ta' Dr. William Cuschieri fil-kawża Nru: 264/06 RCP fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et v. Angelo Micallef et**" u dan speċifikament assunzjoni patroċinju fl-istadju ta' Appell skont skeda A, Tariffa E para 33 tal-kap 12 u dan għal kull effett u fini tal-liġi", ġiet rilaxxata nhar is-16 ta' Frar, 2010. Kopja ta' din it-taxxa uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument 3";

"3.4. It-tielet taxxa uffiċjali, u ċioe` dik intitolata "taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji maħruġa fuq talba ta' Dr. Anthony Camilleri fil-kawża Numru: 264/06 RCP fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et v. Angelo Micallef et**" u dan speċifikament asunzjoni patroċinju fl-istadju ta' Appell skont skeda A, Tariffa E para 34 tal-Kap 12 u dan għal kull effett u fini tal-liġi", ġiet rilaxxata nhar it-23 ta' Frar, 2010. Kopja ta' din it-taxxa uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument 4";

"**4. L-ilment tal-esponenti u bażi illi fuqha qiegħed isir dan ir-rikors**

"4.1. Mit-taxi uffiċjali rilaxxati nhar is-16 ta' Frar, 2010 u nhar it-23 ta' Frar, 2010 jirriżulta illi d-dritt intaxxat bħala dovut lill-esponenti huwa dak ta' terz tad-dritt tal-avukat kollu jew tlett mija tlieta u tletin Ewro (€ 333), kif jidher mill-istess taxxi uffiċjali;

"4.2. L-ilment prinċipali tal-esponent huwa fis-sens illi minn qari ta' Skeda E, Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta ma jirriżultax illi d-dritt illi kelu jiġi intaxxat lill-esponenti kien dak minimu u ċioe` ta' terz biss mid-dritt tal-avukat u dan kif sejjer jiġi spjegat minn hawn aktar 'il quddiem;

"4.3. Ilment ieħor tal-esponent huwa fis-sens illi t-taxxa uffiċjali rilaxxata nhar is-16 ta' Frar, 2010 mhux biss hija ħażina in kwantu jirrigwarda l-ammont intaxxat bħala dritt tal-avukat iżda hija wkoll ħażina in kwantu tindika illi nħarġet fuq talba tal-eponent peress illi ma kienx l-esponenti illi talab illi tinħareġ l-istess taxxa uffiċjali iżda ċertu Joseph Camilleri

illi jiġi t-tifel ta’ Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri;

“4.4. Fl-ewwel lok u għal dak illi jirrigwarda t-terz tad-dritt tal-avukat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell intaxxat fit-taxxi uffiċjali rilaxxati nhar is-16 ta’ Frar, 2010 u nhar it-23 ta’ Frar, 2010, l-esponenti jirrileva illi dan l-ammont mhuwiex korrett. L-intimati Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri ma baqgħux jiġu rappreżentati mill-konsulent legali preċedenti tagħhom wara l-preżentata tar-rikors tal-appell, u illi għalhekk huwa intitolat għal terz tad-dritt normali - quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell – skont ma jiddisponi l-Artikolu 33 (i) ta’ Skeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta’ Malta. Id-dritt dovut lill-esponenti kellu jiġi intaxxat skont l-ewwel parti tal-Artikolu 34 ta’ Skeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddisponni senjatament illi “id-dritt dovut lill-avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wieħed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tiġi deċiża l-kawża jkun daqs id-differenza bejn id-dritt sħiħ u d-dritt intaxxat mill-ewwel avukat.”

“4.5. Għalhekk huwa ċar illi l-ammont illi kellu jiġi intaxxat għall-favur l-esponenti kien dak ta’ żewġ terzi tad-dritt normali u mhux terz u għal din ir-raġuni biss it-taxxi uffiċjali rilaxxati nhar is-16 ta’ Frar, 2010 u nhar it-23 ta’ Frar, 2010 għandhom jiġu imħassra;

“4.6. Apparti dan kollu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont intaxxat bħal dritt avukat ġie “rounded down” u dana mingħajr ma tirriżulta ebda bażi legali taħt Skeda E, Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ malta;

“4.7. Inoltre, it-taxxa rilaxxata nhar is-16 ta’ Frar, 2010 hija wkoll ħażina għaliex l-esponenti ma talabx illi tiġi rilaxxata dik it-taxxa uffiċjali, kif erronjament indikat fuq l-istess taxxa uffiċjali;

“4.8. Finalment, jirriżulta wkoll illi fl-intaxxar tad-dritt tal-avukat quddiem il-Qorti tal-Appell l-Intimati Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u d-Direttur Ġenerali tal-Qrati jew min minnhom, ma segwewx lanqas dik illi jiddisponi l-Artikolu 38 ta’ Skeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jgħid illi fuq appell d-drittijiet imsemmija f’paragrafi 13 sa 36 għandhom jiżdiedu b’terz;

“4.9. Meta l-esponenti ġibed l-attenzjoni tal-imsemmija intimati għal dan il-fatt, ġie avżat illi d-dritt tal-avukat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ta’ elf Ewro (€ 1,000) jinkorpora ż-żieda ta’ terz skont l-Artikolu 38, iżda dan ċertament

mhuwiex minnu tenut kont tal-fatt illi d-dritt tal-avukat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kien ta' tmien mija u għoxrin Ewro (€ 820), illi meta jiġi ,miżjud b'terz jeċċedi l-elf Ewro (€ 1,000) hawn fuq imsemmija;

"**5. Talba**

"5.1. Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi ordni,provvediment u dikjarazzjoni, neċessarji u opportuni u għar-raġunijiet premessi, jogħoġobha:

"1. fl-ewwel lok, tiddikjara nulli u konsegwentament tħassar it-taxxi uffiċjali rilaxxati nhar is-16 ta' Frar, 2010 u nhar it-23 ta' Frar, 2010 wara l-atti tar-rikors maħluf bin-numru 264/2006/RCP fl-ismijiet "**Anthony Camilleri u martu Carmela Camilleri v. Angelo Micallef u martu Rita Micallef għal kull interess li jista' jkollha**" għar-raġunijiet kollha indikati fil-korp ta' dan ir-rikors;

"2. fit-tieni lok, u jekk ikun il-każ, tiddikjara nulla u konsegwentament tħassar it-taxxa uffiċjali rilaxxata nhar it-3 ta' Frar, 2010 kemm-il darba jirriżulta illi ma ġiex osservat dak illi jiddisponi l-Artikolu 38 ta' Skeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif spjegat fil-korp ta' dan ir-rikors;

"3. fit-tielet lok, tordna lill-intimati Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u lid-Direttur Ġenerali tal-Qrati, jew min minnhom, jerġgħu jintaxxaw id-dritt dovut lill-esponenti fil-kawża imsemmija fl-ewwel talba;

"u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

"Bl-ispejjeż".

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Angelo Micallef, Rita Micallef, l-Avukat Joseph Zammit Maempel u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, tat-23 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Fl-ewwel lok, il-frivolezza ta' dawn il-proceduri billi dawn jirrelataw ghall-massimu ta' €93.06 u f'kull kaz, qatt ma sar attentat – la verbalment u wisq anqas bil-miktub – biex din il-kwistjoni tigi rizolta barra l-Qorti.

"2. Fil-meritu, dwar l-ewwel talba tar-rikorrent, illi l-esponenti huma estranei u m'ghandhom ebda interess guridiku jew fattwali fit-taxxi tas-16 ta' Frar u tal-24 ta' Frar, 2010 (Dok. 3 u 4 ezibiti mar-rikors promotur) cioe` fil-partizzjoni tad-dritt taz-zewg avukati li kellu l-attur f'dik il-kawza.

"3. Dwar it-tieni u t-tielet talba, l-esponenti jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni ta' dina l-Qorti izda f'kull kaz jissottomettu illi ma ghandhom ibaghtu ebda spejjez".

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Avukat Dottor Chris Cilia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, tad-29 ta' Marzu, 2010, fejn eccepew:

"1. Illi, fl-ewwel lok, stante illi t-taxxi li qed jigu attakkati f'din il-procedura odjerna ma sarux u ma gewx rilaxxjati mir-rispondenti odjerni izda minn partijiet ohra f'dan ir-rikors, ikun xi jkun l-ezitu ta' dan ir-rikors, kemm jekk din l-Onorabbli Qorti joghogobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u kemm joghogobha tichadhom, u dan kemm jekk *in toto u* kemm jekk *in parte*, ir-rispondenti odjerni m'ghandhom ibatu ebda spejjez gudizzjarji.

"2. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rispondent Avukat Dottor Chris Cilia jopponi bis-shih l-ilment imressaq 'il quddiem mir-rikorrent f'paragrafu 4.2 tar-rikors promotur stante illi l-intaxxar tad-dritt tal-avukat rikorrent bhala terz tad-dritt tal-avukat intaxxat huwa korrett u dan izjed u izjed meta wiehed iqis illi anke fl-istadju tal-appell ix-xoghol principali konsistenti fir-redazzjoni u l-prezentazzjoni tar-rikors tal-appell sar mir-rispondent odjern Dottor Chris Cilia LL.D. u mhux mill-avukat rikorrent li assuma biss il-patrocinju tal-appellati ftit qabel it-trattazzjoni tal-appell u ghamel trattazzjoni orali li ghal massimu ma haditlux iktar minn kwarta – mentri r-redazzjoni tar-rikors tal-appell u r-ricerka tal-gurisprudenza msemmija fih certament illi kien fiha ferm iktar xoghol minn hekk u ghalhekk ir-rispondent odjern Dottor Chris Cilia LL.D. zgur li jimmerita due terzi tad-dritt tal-avukat fi stadju tal-appell kif intaxxat.

"3. Illi ghalhekk it-talba ghar-ritassa in kwantu titratta dan il-punt timmerita u ghandha tigi michuda.

"4. Illi dwar il-punti u l-ilmenti l-ohra sollevati r-rispondenti odjerni m'ghandhom xejn x'jikkummentaw u sta ghal uhud mill-intimati l-ohra li jirrispondu dwarhom".

Rat li l-konvenuti Direttur, Qrati Civili u Tribunali, Direttur Generali tal-Qrati, Anthony u Carmela konjugi Camilleri u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud baqghu fi stat ta' kontumacja.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li qieset li r-rikorrenti ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, konsegwentament irrespingiet it-talbiet kollha tieghu, bl-ispejjez kontra tieghu.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "10. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti minn kontestazzjoni ta' taxxa rilaxxata mir-registru ta' din il-qorti;
>
> "11. Illi in effetti jirrizulta li fuq insistenza pressanti ta' Dr. Joseph Camilleri inharget it-taxxa meritu tal-procedura odjerna rigwardanti l-operat tar-rikorrenti Dottor Cuschieri fil-kawza in dizamina;
>
> "12. Illi jirrizulta li effettivament ir-registru de quo hareg tlett (3) taxxi fir-rigward, senjatament dawk indikati espressament fil-paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6), aktar qabel;
>
> "13. Illi jirrizulta li r-rikorrenti Dottor Cuschieri ma kien ghamel l-ebda talba lir-registru biex tinhareg xi taxxa fir-rigward tal-procedura in dizamina;
>
> "14. Illi r-rikorrenti jirrizulta li involva ruhu fil-procedura in dizamina kif gie sostenut mill-intimat Dr. Cilia, biss wara li kien gia` gie intavolat ir-rikors tal-appell;
>
> "15. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li r-rikorrenti involva ruhu biss fit-trattazzjoni orali ta' l-appell fil-procedura in dizamina u f'xejn aktar; (ara paragrafu numru tlieta (3), aktar qabel);

"16. Illi l-mod kif giet intaxxata l-procedura riferita fil-paragrafu precedenti hu skont il-parametri legali indikati fl-Iskeda E tat-Tarixxa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikli 33, 34, u 38 taghha;

"17. Illi ghalhekk it-terz (1/3) tad-dritt koncess lir-rikorrenti talli tratta l-kaz in dizamina fl-appell, paragunat mar-redazzjoni tar-rikors in prim'istanza u tar-rikors tal-appell mill-avukat precedenti hu kemm riflessjoni tajba tal-ligi de quo, u tal-gustizzja;

"18. Illi di piu`, jirrizulta li hi l-prassi kostanti tar-registratur li f'dawn ic-cirkostanzi in dizamina jalloka terz (1/3) tad-dritt tal-avukat lil min ikun fil-pozizzjoni tar-rikorrenti;

"19. Illi ghalhekk ma tirrizulta l-ebda ingustizzja rikjamata mir-rikorrenti fir-rigward;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dottor William Cuschieri, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-5 ta' Dicembru, 2013, fl-ismijiet premessi u konsegwentament wara li tilqa' l-appell tieghu, tilqa' wkoll it-talbiet tieghu kif dedotti fir-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Anthony u Carmela konjugi Camilleri, li permezz taghha talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-5 ta' Dicembru, 2013, fl-ismijiet premessi u li tichad l-appell intavolat mill-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Angelo u Rita konjugi Micallef, ta' Dr. Joseph Zammit Maempel u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, li permezz taghha

filwaqt li rrilevaw li l-appell in ezami huwa wiehed al kwantu frivolu safejn jitratta massimu ta' €93.06, li trid tigi spartita bejn zewg avukati, irrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Qrati Civili u tad-Direttur Generali tal-Qrati, li permezz taghha talbu lil din il-Qorti tichad *in toto* l-appell tar-rikorrent bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija wahda ta' ritassa, fejn a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), qeghdin jigu attakkati tliet taxxi ta' spejjez gudizzjarji mahruga mid-Direttur intimat, dawk tat-3 ta' Frar, 2010, tas-16 ta' Frar, 2010 u tal-24 ta' Frar, 2010, relatati mal-kawza li ggib referenza 264/2006, in kwantu jinghad li huma hziena, peress li ma sarux a bazi tad-disposizzjonijiet

rilevanti tal-ligi u kif titlob il-ligi. Jintalab ukoll li jigi ntaxxat mill-gdid id-dritt dovut lill-attur fl-imsemmija kawza.

Jibda billi jigi osservat li, permezz tar-risposta tal-appell tad-Diretturi appellati, jinghad li d-Direttur Generali tal-Qrati mhux legittimu kontradittur, peress li skont il-ligi, l-mansjoni li t-taxxi ufficjali jinhargu mir-Registratur tal-Qorti, giet vestita fil-konvenut Direttur Qrati Civili u Tribunali. Izda ladarba d-Diretturi appellati kienu jinsabu fi stat ta' kontumacja, ma jistghux f'dan l-istadju jissollevaw punti li qatt ma gew trattati fil-Prim'Istanza. Kwindi din il-Qorti mhux ser tqis dan il-punt gdid imressaq f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza.

L-attur appellant isejjes l-appell tieghu fuq hames aggravji li ser jigu trattati *seriatim*:

(i) L-ewwel ilment tal-appellant jitratta t-taxxa ufficjali mahruga fit-3 ta' Frar, 2010, fejn jinghad li ma nhargitx skont il-provvediment tal-ligi, senjatament l-Artikolu 38 tat-Tariffa E Skeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex fl-intaxxar tad-dritt tal-avukat quddiem il-Qorti tal-Appell, tali dritt ma giex mizjud b'terz. L-appellant jishaq li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx l-ilment tieghu f'dan ir-rigward.

Paragrafu 38 tat-Tariffa E (Drittijiet li jithallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi *"ex officio"*) jipprovdi hekk:

> *"38. Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inkluzi, ghandhom jizdiedu b'terz."*

Minn ezami tat-taxxa tat-3 ta' Frar, 2010, jirrizulta li filwaqt li d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali wara li nghatat is-sentenza in prim'istanza fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Camilleri et v. Angelo Micallef et,** kienu ta' €820 u €273.33, rispettivament, dawk id-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali gew komputati fl-ammont ta' €1,000 u €333.33 rispettivament fir-rigward tal-appell. Minn kalkolu matematiku semplici, meta wiehed izid terz fuq id-drittijiet dovuti lill-avukat u lill-prokuratur legali in prim'istanza, tabilhaqq jirrizulta li d-dritt tal-avukat fl-appell kellu jkun dak ta' €1093.33, filwaqt li dak tal-prokuratur legali kellu jkun ta' €364.44. Sfortunatament mix-xhieda tad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali u tad-Direttur Generali tal-Qrati, ma jirrizultax li dawn gew mitluba li jaghtu spjegazzjoni dwar id-diskrepanza fil-komputazzjoni maghmula.

Madankollu kif jissottometti l-appellant, minn ezami tal-kawtela kkalkulata mid-Deputat Registratur fil-Qorti tal-Appell, in konnessjoni mal-kawza 264/2006, jirrizulta li Anthony Camilleri, bhala l-appellant f'dik il-kawza, kien intalab jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-Appell, fil-konfront tad-drittijiet tad-difensur tal-appellant fl-ammont ta' €1455, li pjuttost tirrifletti z-zieda ta' terz fuq id-drittijiet kontemplat fil-paragrafu 38 tal-istess tariffa, kif hawn

qabel spjegat.  Kwindi, minn verifika semplici jirrizulta li d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali, ma nhadmux skont il-provvediment tal-ligi, u dan ma giex debitament ikkonsidrat mill-ewwel Qorti.  Isegwi li dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa wiehed fondat.  Jinhass opportun jinghad ukoll li, l-izball dattilografiku fir-referenza tan-numru tal-kawza 265/06 fit-taxxa tat-3 ta' Frar, 2010, ghandha tigi emendata, sabiex tirrifletti r-referenza korretta u cioe` dik ta' 264/06.

(ii) Permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti zbaljat ukoll, meta ma kkonsidratx l-ilment tieghu, fis-sens li t-taxxa rilaxxata fis-16 ta' Frar, 2010, hija hazina peress li fiha hemm dikjarat li nharget fuq talba tieghu, meta fil-fatt dan ma kienx minnu.

Ghandu jinghad mal-ewwel, illi filwaqt li l-ilment tal-appellant jirrizulta gustifikat, in kwantu kemm mill-ittra ezebita in atti mis-sur Emanuel Sciriha, kif ukoll mix-xhieda tas-sur Frank Mercieca, jirrizulta b'mod car li din it-taxxa ma nhargitx fuq talba tal-Avukat Cuschieri, izda fuq talba bil-miktub ta' Dr. Joseph Camilleri, dan il-fatt fih innifsu, fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandux iwassal ghat-thassir tat-taxxa.  Ghalkemm huwa minnu li t-taxxa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u bhala tali, hija ghandha tinhareg mir-Registratur tal-Qorti, jew id-Deputat tieghu, bl-akbar kawtela u wara d-debiti verifiki opportuni, dan l-izball fl-intestatura wahdu m'ghandux iwassal ghan-nullita` tal-istess taxxa.

Ghalkemm din il-Qorti ma thassarx it-taxxa fuq bazi ta' formalizmi, tirribadixxi li ghandu jkun hemm attenzjoni fil-hrug ta' taxxa ufficjali, sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' zbalji, u b'hekk jigu evitati wkoll kwistjonijiet bhal dawk mertu ta' din il-kawza. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri v. Dr. Ramona Frendo et**). B'dan illi, jonqos li ssir il-verifika li t-taxxa nhadmet skont il-provvedimenti tal-ligi, li hija marbuta mal-atti tal-kawza in kwistjoni, u tirreferi ghas-servizzi li taw l-avukati fil-kors tal-kawza, kwindi salv dejjem li t-taxxa tkun inhadmet b'mod korrett. Izda dan il-mertu jifforma parti minn aggravju iehor li ser jigi trattat separatament.

(iii) It-tielet aggravju jitratta l-izball tal-ewwel Qorti meta ladarba ma rrilevatx l-zball riskontrat taht l-ewwel aggravju, l-ammonti indikati fit-taxxi ufficjali l-ohra bhala dritt tal-avukat, kienu necessarjament zbaljati.

Fil-verita` dan l-aggravju huwa konsegwenza naturali tal-ewwel wiehed. It-taxxi tas-16 ta' Frar, 2010 u tat-23 ta' Frar, 2010, inhadmu a bazi tal-paragrafi 33 u 34 tat-Tariffa E, li jikkontemplaw il-kalkolu tal-hlas tad-dritt dovut lill-avukat, fejn dan jitlaq lill-klijent, jew jigi abbandunat mill-klijent. Dawn it-taxxi fil-fatt jikkomputaw id-dritt tal-avukat fl-istadju tal-appell, sa fejn kien involut l-avukat appellant fl-ammont ta' €333, ossia terz ta'

€1000 (kif rizultanti mill-ewwel taxxa). Ladarba taht l-ewwel aggravju rrizulta gustifikat l-aggravju tal-appellant li d-dritt tal-avukat fl-istadju tal-appell kellu jkun dak ta' €1093.33, isegwi li terz ta' dan l-ammont huwa ta' €364.44 (u mhux ta' €333 kif indikat f'dawk it-taxxi). Isegwi li ghalkemm hemm differenza minima, dan l-ilment ukoll jirrizulta gustifikat. Kwindi hemm lok li t-taxxi tas-16 ta' Frar, 2010 u tat-23 ta' Frar, 2010, jithassru ghar-ragunijiet appena spjegati.

(iv) L-appellant isejjes ir-raba' aggravju tieghu billi jattakka s-sentenza appellata fejn cahdet it-talbiet attrici, in kwantu jishaq li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li tirrizulta l-prassi kostanti tal-intimati Direttur, Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali tal-Qrati, li f'cirkostanzi bhal dawk in ezami mertu ta' din l-istanza, jallokaw terz tad-dritt tal-avukat u li allura d-dritt tal-esponent kellu jkun dak ta' terz. L-appellant jirribadixxi l-ilment imressaq taht it-tielet aggravju, fis-sens li jekk kemm-il darba d-dritt tal-avukat fl-istadju tal-appell kellu jkun ta' €1,093.33, isegwi li terz ta' dak l-ammont ma jistax ikun ta' €333 u dan wahdu huwa raguni bizzejjed li z-zewg taxxi tas-16 ta' Frar, 2010 u tat-23 ta' Frar, 2010, li jigu mhassra. Madankollu l-appellant jikkontendi li d-dritt li kellu jigi ntaxxat favur tieghu kellu jkun dak ta' zewg terzi u mhux ta' terz.

Safejn dan l-aggravju huwa repetizzjoni ta' dak li ghadu kemm gie trattat qabel, m'hemmx ghalfejn jigi trattat mill-gdid, izda ssir referenza ghall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taht it-tielet aggravju.

Jigi osservat li ghandu ragun l-appellant meta jikkontendi li sa fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li "…hi l-prassi kostanti tar-registratur li f'dawn ic-cirkostanzi in dizamina jalloka terz (1/3) tad-dritt tal-avukat lil min ikun fil-posizzjoni tar-rikorrenti;" mhix sostnuta mill-provi.  Anzi, d-Direttur Generali xehed li bhala regola r-registratur johrog it-taxxa shiha kif ghamel b'dik tat-3 ta' Frar, 2010, u mbaghad sta ghall-avukati li jaraw l-istadju li intervenew fih u jithallsu, kif ukoll li r-registratur ma jidholx biex jaqsam u jiddividi l-pagamenti kif johorgu mill-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Jinhass opportun jinghad ukoll li, lil hinn minn kull prassi, huwa imperattiv li t-taxxa tinhareg skont kif tipprovdi l-ligi.

Regolament 33 u 34 tat-Tariffa E jipprovdu li:

> "*33.  Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent:*
>
> "*(i)  wara lir-rikors jew ir-risposta tkun giet prezentata, ikollu jedd ghal terz tad-dritt normali;*
>
> "*(ii)  wara l-istadji ta' hawn fuq izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali.*
>
> "*34.  Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wiehed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tigi deciza l-kawza jkun daqs id-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat…*"

Minn ezami tal-atti tal-kawza li ggib referenza 264/2006 jirrizulta li l-appellati f'din il-kawza, Anthony u Carmela Camilleri, kienu patrocinati mill-Avukat Chris Cilia u dan sakemm gew maghluqa l-proceduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell. Kien biss fis-seduta tal-19 ta' Novembru, 2009, li l-avukat appellant William Cuschieri assuma l-patrocinju tal-konjugi Camilleri, appellanti f'dik il-kawza fejn ittratta l-appell, li baqa' differit ghas-sentenza. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-17 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Beck v. Avukat Dottor Etienne A. Calleja:**

> "*Huwa accettat li d-dritt ta` avukat li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita kif inhu l-kaz. Para. 33 tat- Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta jitkellem car meta jghid li "Jekk Avukat jitlaq il-klient jew jigi abbandunat mill-klient wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta tkun giet prezentata ……. Izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali".*

Ghalkemm fil-kaz tal-kawza in ezami, din giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell, u l-bidla fl-avukat saret f'dak l-istadju tal-appell, kif hawn appena spjegat, ghandu jibqa' japplika l-istess principju, ladarba l-Avukat Cilia kien jippatrocina lill-appellati Camilleri sal-istadju fejn inghalqu l-proceduri bil-miktub. Kien dan l-ewwel avukat li kien intitolat ghal zewg terzi tat-tariffa stabbilita. B'applikazzjoni tal-paragrafu 34 citat mill-avukat appellant, dan ifisser li l-Avukat Cuschieri kien intitolat ghar-rimanenti terz u mhux ghal zewg terzi kif qieghed jippretendi, peress li l-paragrafi 33 u 34 jehtieg li jinqraw flimkien sabiex jaghmlu sens. Kwindi safejn permezz

tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li kien jispetta lilu zewg terzi tad-dritt stabbilit fit-taxxa tal-Qorti, din il-Qorti ma taqbilx u f'dan ir-rigward dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Imiss li jigi trattat dak il-punt taht ir-raba' aggravju fejn jinghad li t-taxxi tas-16 ta' Frar, 2010 u tat-23 ta' Frar, 2010, m'humiex taxxi li solitament jinhargu mid-Diretturi intimati appellati. Jigi osservat li r-Registratur tal-Qrati huwa obbligat li johrog it-taxxa, meta jigi mitlub li jaghmel dan, f'kaz fejn l-avukat jitlaq lill-klijent jew f'kaz li jigi abbandunat mill-klijent. It-taxxa ufficjali mahruga fit-3 ta' Frar, 2010, (salv l-emendi mehtiega kif rilevati qabel) tirrispekkja l-hlasijiet totali dovuti fl-istadju fejn il-kawza tirrizulta konkluza bejn il-kontendenti fil-kawza u hija tkun it-taxxa ufficjali li tirregola l-partijiet fil-kawza. Il-paragrafi 33 u 34 tat-Tariffa E tirregola r-relazzjonijiet bejn il-klijent, l-avukat l-antik u l-avukat il-gdid. Kwindi l-iskop wara paragrafi 33 u 34 huwa limitat sabiex kull avukat ikun jista' jigbor id-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-istess paragrafi. Isegwi li t-taxxi mahruga wara dik tat-3 ta' Frar, 2010, huma semplicement sabiex jigi determinat id-dritt tal-avukat precedenti u l-avukat appellant.

Dan ifisser li, din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt li r-Registratur tal-Qorti hareg dawn it-taxxi fuq talba ta' parti fil-kawza; wara kollox l-istess Artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghat-taxxar tal-ispejjez gudizzjarji u z-zmien li fih it-taxxi jistghu jigu attakkati, u ma

jillimitax tali azzjoni ghall-avukati, izda jirreferi "*ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez*", kwindi jinkludi l-possibilita` li taxxa tintalab minn parti fil-kawza li jkollha wkoll dritt li tikkontesta tali taxxa.  Ovvjament sta ghad-Direttur jew Registratur inkarigat minnu, sabiex jadoperaw l-attenzjoni mehtiega fil-komputazzjoni u l-hrug tat-taxxi, li jaghmlu dan skont il-provvedimenti tal-ligi b'imparzjalita`, minghajr ma jaghtu qies ta' kwalunkwe pressjoni li jistghu jittantaw jezercitaw il-partijiet li jitolbu tali taxxa.

Isegwi li fil-kaz tar-raba' aggravju dan jista' jintlaqa' limitatament safejn dan huwa estensjoni/repetizzjoni tat-tielet aggravju, izda fil-bqija ma jimmeritax li jintlaqa'.

(v) Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak fejn jinghad li l-appellant ma jahti xejn ghall-mod kif inhadmu t-taxxi mpunjati u ma kellux ghalhekk jigi akkollat bl-ispejjez tal-kawza.

Fil-verita` l-izbalji matematici riskontrati minn din il-Qorti fil-kalkoli tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali, fit-taxxa fl-istadju tal-appell, imwettqa mid-Direttur intimat, ghalkemm id-differenza hija wahda marginali, wasslu ghal diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet u dan il-fatt ghandu jkun rifless fil-kap tal-ispejjez.  Min-naha l-ohra, ma jistax ma jigix

osservat ukoll li l-appellant m’ghandux ragun fir-rigward tal-pretensjonijiet kollha tieghu u dan ukoll ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Avukat William Cuschieri, billi tilqa’ l-istess limitatament kif spjegat, u filwaqt li thassar is-sentenza appellata, tal-5 ta’ Dicembru, 2013, tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati kif inghad, u tiddikjara li t-taxxi ufficjali datati 3 ta’ Frar, 2010, 16 ta’ Frar, 2010 u 24 ta’ Frar, 2010, relativi ghall-kawza 264/2006, bhala nulli u bla effett u tordna lid-Direttur intimat sabiex jahdem mill-gdid it-taxxi ufficjali, kif spjegat .

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs ($^1/_2$) mill-attur appellant u in kwantu ghal nofs ($^1/_2$) mid-Diretturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm